MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 15/2007

**Mario Vella ID No : 375062(M)**

**Vs**

**Ray Abela u skond digriet tat-13 ta' Gunju 2007 giet kjamata in kawza s-socjeta` "The Computer Training Course Ltd"**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fis-9 ta' Jannar, 2007 fejn gie eccepit illi fil-maratona tal-Eden Foundation tas-sena, (mhux msemmija) l-attur rebah computer komplut ghall-valur ta' Lm500 minghand TCTC. Mar ikellem lis-Sur Ray Abela biex jikklejmja il-computer u spegalu li bhalissa qed jirranga il-post nru 101/2, St. Joseph Street, Luqa u ghandna hafna trabijiet. Huwa qallu li mhux problema, ha jzommu fl-istores sakemm ilesti l-post, allavolja ghidtlu li se niehdu xi sentejn. Huwa ffirmalna l-karta tal-claim fejn tiddiskrivi ezatt xi rbahna u qalilna li kif inkunu komdi mmorru bil-karta ghandu.

Meta mar biex jigbor l-computer u gie mgharraf li ma jridx jirrikonoxxi l-karta ffirmata minnu stess li tintitolah ghal hames mitt lira computer.

Ra r-**Risposta** tas-26 ta’ Frar, 2007 fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi : (1) il-konvenut m’huwiex il-legittimu kontradittur, (2) bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma preskritti bit-terminu ta’ sentejn, (3) illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet suesposti, n-nuqqas ta’ kompetenza ta’ dan it-Tribunal stante li dan it-Tribunal hu kompetenti jiddeciedi kwistjonijiet ta’ flus u mhux oggetti. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-rikors ta’ l-attur tat-12 ta’ Gunju 2007 degretat fis-seduta tat-13 ta’ Gunju 2007.

Sema` x-xhieda kollha prodotti.

Ra illi l-konvenut ma’ ressaq ebda provi.

Ra illi fl-ahhar zewg seduti la deher il-konvenut u lanqas d-difensur tieghu.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-attur qed jitlob il-hlas tas-somma ta’ hames mitt Liri Maltin (Lm500) rapprezentanti computer minnhu mirbuh izda mhux kkonsenjat lilu.

Illi x-xhiedha u l-provi prodotti mill-attur mhux ikkontestati.

Illi ma` tressqu ebda provi in sostenn ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u addirittura lanqas gie ndikat l-Artikolu tal-ligi li fuqu bbaza t-tieni eccezzjoni riferibbli ghall-preskrizzjoni.

Ghaldaqstant, in vista ta’ dan, it-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-

konvenut, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elf, mija u erbgha u sittin Euros u disgha u sittin Euro centezmi (€1164.69) ekwivalenti ghal hames mitt Liri Maltin (Lm500), kif mitlub fl-Avviz.

Bl-ispejjes u bl-imghax kif mitlub.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------